PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Turiżmu

Pilastru ekonomiku kruċjali, mill-volum għall-valur

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Pilastru ekonomiku kruċjali, mill-volum għall-valur

Turiżmu

# Gvern ġdid immexxi minn Alex Borg jassigura li t-turiżmu jibqa' pilastru ewlieni tal-ekonomija Maltija, iżda issa dan is-settur irid jimxi minn mudell mibni fuq in-numri biss għal mudell mibni fuq il-valur.

Il-pjan tagħna hu li nibnu turiżmu ta' kwalità li jiġġenera nefqiet aħjar minn dawk li jżuruna, li jħares lill-komunitajiet tagħna, isaħħaħ l-identità Maltija u Għawdxija, u jirrispetta l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

It-turiżmu għandu jiġġenera investiment, joħloq impjiegi u opportunitajiet mifruxa għal kulħadd. Dan għandu jsir b'rispett lejn il-limiti u ċokon ta' pajjiżna: l-art, il-bajjiet, l-ibħra, l-ambjent urban u rurali, l-infrastruttura, l-ilma, l-iskart, l-ispazji pubbliċi u l-komunitajiet residenzjali.

Pjan ta' Azzjoni

# Turiżmu li jsaħħaħ lil Malta

Il-pjan tagħna hu li Malta u Għawdex ikunu destinazzjoni aktar distinta, aktar awtentika u aktar sostenibbli. Pajjiż li jilqa' lill-viżitatur b'ospitalità vera, mingħajr ma jitpoġġa piż fuq l-infrastruttura u l-komunitajiet tagħna. Jekk tinħoloq pressjoni żejda, anki l-esperjenza tat-turisti tispiċċa tbati b'detriment għalihom, għall-industrija, għall-ħaddiema u għal pajjiżna.

Irridu turiżmu li jħalli aktar valur f'pajjiżna: nefqa aħjar, impjiegi ta' kwalità, investiment fil-prodott, aktar professjonaliżmu u opportunitajiet akbar għan-negozji lokali. Is-suċċess ma jistax jibqa' jitkejjel biss minn kemm jaslu turisti, iżda minn kemm Malta tibbenefika verament mill-preżenza tagħhom.

Din il-bidla titlob ippjanar aktar serju, infurzar aktar b'saħħtu u deċiżjonijiet mibnija fuq data. It-tkabbir turistiku għandu jkun marbut mal-kapaċità reali ta' pajjiżna, tal-lokalitajiet, tas-servizzi u tal-infrastruttura. Fejn hemm pressjoni żejda, irridu bilanċ; fejn hemm potenzjal ġdid, irridu investiment intelliġenti.

Irridu wkoll turiżmu li jirrispetta lir-residenti. Lokalitajiet nodfa, siguri, miżmuma tajjeb u b'inqas pressjoni huma tajbin għall-viżitatur, iżda qabelxejn huma dritt tan-nies li jgħixu fihom.

Il-mira tagħna hi waħda: turiżmu li jkabbar il-ġid, isaħħaħ l-identità Maltija, jgħolli l-kwalità u jagħmel lil Malta post aħjar fejn tgħix, taħdem u tistrieħ.

Proposti Ewlenin

01

# Distrett Kulturali ġdid

Insaħħu l-prodott tal-Meetings Incentives Conferences & Exhibitions (MICE) b'aktar marketing, aktar koordinazzjoni mad-DMCs u permezz tad-Distrett Kulturali ta' Malta kif spjegat fil-kapitlu 4 dwar il-kultura u l-arti, li jkun jista' jilqa' numru akbar ta' parteċipanti għal livell ogħla ta' konferenzi. Il-konferenzi u l-avvenimenti professjonali jiġġeneraw nefqiet akbar għal kull ras, jimlew ix-xhur ta' barra mill-istaġun u jagħtu profil għoli lid-destinazzjoni. Ninċentivaw l-attivitajiet tal-MICE barra mill-istagun b'għodod fiskali fosthom performance-based rebates għad-DMCs. Nirrevedu l-applikazzjoni attwali tat-Tour Operator Margin Scheme (TOMS) lid-DMSs li qed toħloq żvantaġġ kompetittiv lid-DMCs lokali meta mqabbla ma' pajjiżi oħrajn bħal Spanja u l-Portugall peress li qed timponi 18% VAT lill-klijenti barranin li ma jkunux jistgħu jitolbu lura din l-istess VAT.

02

# Tnaqqis fir-rata tal-VAT għar-ristoranti

Il-VAT għas-settur tal-catering se jitnaqqas minn 18% għal 7% biex is-settur tal-ospitalità jkun aktar kompetittiv meta mqabbel ma' destinazzjonijiet oħrajn fil-Mediterran, noħolqu aktar armonizzazzjoni fir-rati applikabbli fis-settur, ngħinu lis-settur ikun aktar sostenibbli u b'hekk ikun jista' jgawdi wkoll il-konsumatur.

03

# Ftuħ ta' Tourism Resilience and Reinvestment Reserve (TRRR)

Noħolqu mekkaniżmu ta' Tourism Resilience and Reinvestment Reserve (TRRR) simili għal dak propost mill-Kamra tal-Kummerċ li jippermetti lill-operaturi fit-turiżmu jallokaw porzjon sa 20% tal-profitti annwali tagħhom f'riżerva abbażi ta' "tax deferred". Il-fondi f'din ir-riżerva jkun jeħtieġ jintużaw fi żmien tliet snin għal investiment eliġibbli jew biex jgħinu lin-negozju f'perjodu ta' kriżi. Meta l-fondi f'din ir-riżerva jintużaw b'dan l-iskop, ir-retained profits jiġu ntaxxati b'rata ridotta ta' 15%. Il-bqija tal-fondi li ma jintużawx saż-żmien stabbilit jiġu ntaxxati bir-rata normali.

04

# Kumitat interministerjali għat-turiżmu

Noħolqu kumitat interministerjali permanenti fi ħdan Gvern ġdid Nazzjonalista biex tgħaqqad it-turiżmu, il-kultura, it-trasport, l-ippjanar, l-indafa, is-sigurtà, is-saħħa u lil Għawdex. Dan hu rispons dirett għall-bżonn ta' koordinazzjoni u governanza aktar sodi fil-qalba tar-riforma turistika.

05

# Kejl ġdid tas-suċċess turistiku bbażat fuq il-valur mhux fuq il-volum

Nibdlu l-kejl tas-suċċess minn kemm ġew turisti għal wieħed ibbażat fuq il-valur reali li jħalli t-turiżmu f'pajjiżna, inkluż in-nefqiet tat-turisti aġġustati għar-rata tal-inflazzjoni, it-tul tas-soġġorni tagħhom, kemm-il darba żaruna, kemm irrakkomandaw lil Malta, u kemm ittejbet il-kwalità tal-ħajja tan-nies.

06

# Tourist mobility pass

Nintroduċu pass wieħed li jgħaqqad l-ajruport, tal-linja, il-fastferry, il-Gozo Channel u l-bqija tal-modi tat-transport pubbliku. Hekk ikun aktar faċli li l-viżitatur juża t-trasport pubbliku bis-serħan il-moħħ li se jasal minn punt għall-ieħor fil-ħin u mingħajr ħela ta' żmien.

Aktar Proposti

# Turiżmu ta' kwalità

## 07. Qafas nazzjonali tal-carrying capacity turistika

Nintroduċu qafas legali nazzjonali ta' carrying capacity għal lokalitajiet, bajjiet, portijiet, attrazzjonijiet u gżejjer żgħar. Il-limiti jkunu pubbliċi, ibbażati fuq data u riveduti regolarment, biex l-iżvilupp turistiku jkun wieħed sostenibbli b'rispett lejn il-komunitajiet u l-ambjent.

## 08. Pjanijiet lokali tat-turiżmu mal-Kunsilli Lokali

Kull lokalità turistika jew b'potenzjal turistiku jkollha pjan lokali tat-turiżmu maħdum mal-Kunsill Lokali, mar-residenti u man-negozji, li jitfassal b'rispett lejn il-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (l-iSPED) rivedut. Barra minn hekk, jingħataw aktar fond annwali lil-lokalitajiet milquta mit-turiżmu biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż involuti, inkluż l-indafa u l-manutenzjoni, it-titjib tas-sinjaletika, u t-tisbiħ tal-ispazji pubbliċi ħalli t-turiżmu jaqdi wkoll lir-residenti.

## 09. Forum reġjonali permanenti għat-turiżmu

Noħolqu forum reġjonali permanenti b'rappreżentanza tar-residenti, tal-operaturi, tal-Kunsilli Lokali u tal-awtoritajiet. Dawn ikollhom funzjoni konsultattiva u ta' monitoraġġ biex il-governanza turistika tkun aktar parteċipattiva u responsabbli.

## 10. L-ekokontribuzzjoni tintrabat ma' proġetti u inizjattivi ta' riġenerazzjoni

Norbtu l-ekokontribuzzjoni b'aktar trasparenza ma' Fond għall-bajjiet, il-mogħdijiet, is-siti storiċi u l-wirt kulturali, il-manutenzjoni urbana u l-postijiet bi pressjoni tat-turiżmu. Kull sena jiġi ppubblikat rapport ċar ta' kif intefqu l-flejjes u l-impatt konkret li ħallew fuq il-lokalitajiet affettwati. Isiru sejħiet pubbliċi annwali għal proposti ta' kif għandu jintuża dan il-Fond favur il-bżonnijiet u t-titjib tal-lokalitajiet turistiċi.

# Lejn infrastruttura sostenibbli

## 11. Reviżjoni sħiħa tal-Att tat-Turiżmu u l-iSPED

Naġġornaw il-Malta Travel and Tourism Services Act biex tkun tirrefletti r-realtajiet ġodda fl-industrija turistika, inkluż niċeċ ġodda u t-tħaddim ta' għodod u mezzi teknoloġiċi ġodda fis-settur.

Nirrevedu l-iSPED li ġie ppubblikat fl-2015 u li kellu jiġi rivedut fl-2020, biex ikun jirrifletti r-realtajiet ġodda tat-turiżmu u jitneħħew l-inkonsistenzi eżistenti bejn il-policies tal-ippjanar u r-regolamenti turistiċi tal-akkomodazzjoni u tal-mobbiltà. Il-politika dwar in-numru ta' sodod, l-ippjanar u l-użu tal-art trid tkun waħda koerenti mal-għan ta' kwalità u sostenibbiltà.

## 12. Immaniġġjar aħjar tal-akkumulazzjoni tas-sodod

Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li l-limiti tas-sodod ma jkunux arbitrarji iżda mibnija fuq data pubblika ħalli jkunu evitati akkumulazzjoni żejda tas-sodod u tkabbir bla kontroll. Dan jitlob iżjed trasparenza u viżibbiltà, kemm tal-applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni kollettiva iżda anki tal-applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni privata maħsuba għal short-let lit-turisti.

## 13. Infurzar serju fuq l-akkomodazzjoni illegali

Nagħtu s-setgħat u r-riżorsi lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u lill-awtoritajiet rilevanti biex iwettqu infurzar b'rabta ma' short-let (STR) illegali, sodod mhux liċenzjati, reklamar qarrieqi u ksur persistenti tal-istandards. Gvern ġdid Nazzjonalista jemmen li dawn il-prattiċi jagħmlu ħsara kbira lill-bqija tas-settur turistiku u għalhekk jiżgura li kull operatur jeħtieġ ikun reġistrat, traċċabbli u responsabbli. Kull pjattaforma digitali li tirreklama akkomodazzjoni privata għal STR għandha tassigura li kull operatur jew sid ta' propjetà li jirreklama jkun liċenzjat kif xieraq u li r-reklami jkunu jirrispettaw il-kundizjonijiet tal-istess liċenzja.

## 14. Esperjenza turistika li tirrispetta lill-komunitajiet residenzjali

Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tingħata r-riżorsi biex ir-regolamenti li jirregolaw l-STRs jiġu rispettati b'liċenzjar effettiv, bi qsim tad-data mal-Kunsilli Lokali, u b'kontrolli kontra l-istorbju, il-ħruġ tal-iskart barra minn ħinu u ksur ieħor ripetut. L-għan hu li jinkiseb bilanċ bejn il-prodott turistiku u r-rispett lejn il-komunità lokali.

## 15. Sistemi diġitali u interface (APIs) għas-servizzi turistiċi

Niżguraw li s-sistemi tal-Gvern, tal-entitajiet pubbliċi, u ta' istituzzjonijiet oħrajn ikunu miftuħa għal APIs ħalli l-operaturi liċenzjati jkunu jistgħu jintegraw il-biljetti għal ċerti servizzi, bħal ferries, mużewijiet u attrazzjonijiet oħrajn fil-pjattaformi tagħhom. Nagħtu assistenza lill-operaturi privati biex anki huma jkunu preparati għall-APIs. Hekk innaqqsu l-frammentazzjoni, intejbu l-esperjenza turistika u nwieżnu lin-negozji ż-żgħar.

## 16. Riġenerazzjoni tal-promenades u ż-żoni turistiċi ewlenin

Nibdew programm fil-pajjiż kollu ta' modernizzazzjoni għall-aktar żoni turistiċi frekwentati. Il-prijorità tkun fuq l-aċċessibbiltà għal kulħadd, it-tindif u l-manutenzjoni regolari, iż-żieda ta' siġar u spazji ħodor, titjib tal-bankini, u kwalità aħjar taż-żoni ta' rilassament biex dawn isiru aktar attraenti kemm għar-residenti kif ukoll għat-turisti.

## 17. Ħolqien ta' mogħdija kontinwa madwar il-kosta ta' pajjiżna

Nimplimentaw proġett biex tinħoloq mogħdija kontinwa u sigura għall-mixi madwar il-kosta kollha ta' Malta u Għawdex. Din il-mogħdija tkun aċċessibbli u mmarkata b'mod ċar, u tkun tgħaqqad iż-żoni naturali maż-żoni turistiċi u kulturali, biex tippromwovi stil ta' ħajja attiv, ittejjeb l-esperjenza tal-viżitaturi u tattira turisti li jfittxu esperjenzi bħal dawn.

## 18. Locality Managers u manutenzjoni ta' kuljum

Kull lokalità turistika ewlenija jkollha Locality Manager u tim apposta responsabbli mill-manutenzjoni ta' kuljum. Dan jinkludi tiswijiet żgħar tal-bankini, manutenzjoni tal-għamara tat-toroq, dawl pubbliku, tħaddir u ndafa. Hekk niżguraw ambjent ta' kwalità għolja u miżmum tajjeb f'kull ħin.

# Identità u wirt kulturali għat-turiżmu

## 19. Malta mill-ġdid bħala destinazzjoni ta' kultura u identità

Malta ma tistax tipprova tkun kollox għal kulħadd. Jekk irridu turiżmu ta' kwalita u ta' valur irridu nsaħħu l-pożizzjonament turistiku ta' Malta għal pajjiż mibni fuq il-kultura, il-patrimonju, il-gastronomija, is-sigurtà u esperjenzi awtentiċi. Il-brand turistika jeħtieġ terġa' tkun tirrifletti dak li hu tassew uniku u Malti. Is-saħħa tal-brand turistika, iżda, tinsab fil-kwalità tal-prodott turistiku li noffru. Għalhekk Gvern ġdid Nazzjonalista jinċentiva lill-operaturi biex jistinkaw u jiksbu l-eċċellenza fil-prodotti u s-servizzi kollha li joffru. Ninċentivaw lill-operaturi biex jinvestu f'niċeċ turistiċi ta' kwalità ħalli d-direzzjoni strateġika li jaqbad pajjiżna tissarraf fl-investimenti li jagħmlu l-operaturi privati.

## 20. Il-Belt Valletta bħala destinazzjoni distinta ta' kwalità

Nintroduċu strateġija apposta għall-Belt Valletta bħala destinazzjoni kulturali, MICE u premium minnha nnifisha, marbuta mal-Floriana u l-Port il-Kbir. Ninvestu fl-immaniġġjar tat-turiżmu, fl-indafa, fl-infurzar u fl-użu kulturali tal-binjiet storiċi ħalli l-Belt u l-madwar jissaħħu b'direzzjoni ċara li tirrispetta lill-komunità Beltija u Furjaniża.

## 21. Fond speċjali għall-Port il-Kbir, it-Tlett Ibliet u l-bliet l-oħra madwar il-port

Noħolqu Fond apposta għar-riġenerazzjoni turistika u kulturali tal-Birgu, Bormla, l-Isla u komunitajiet oħra madwar il-Port il-Kbir, inklużi l-Marsa, il-Floriana u l-Kalkara. L-enfasi tkun fuq it-titjib tal-pjazez, il-waterfronts, l-aċċessibbiltà, ir-restawr tal-wirt storiku u l-appoġġ lin-negozji lokali. Dawn il-lokalitajiet għandhom il-potenzjal li joffru alternattiva ta' kwalità għall-pressjoni eċċessiva fuq il-Belt Valletta. B'investiment immirat, il-Port il-Kbir jista' jiżviluppa bħala destinazzjoni turistika distinta, b'konnettività marittima kontinwa bejn il-bliet u strateġija ta' promozzjoni apposta.

## 22. Aesthetic Malta: insebbħu 'l pajjiżna

Inniedu Programm għat-Tisbiħ tal-Pajjiż biex jitneħħew elementi jew oġġetti fit-toroq li qed ikerrhu lil pajjiżna, fosthom wires, żdingar, għamara tat-toroq imkissra, sinjali li mhumiex ta' standard u bl-addoċċ, u żvilupp li ma jirrispettax il-kuntest. Il-ġmiel tal-pajjiż hu parti mill-prodott turistiku u mill-kwalità tal-ħajja u għalhekk ma jistax jibqa' mogħti l-ġenb.

## 23. Faċċati tal-ħwienet, tabelli u standards ta' dehra

Nintroduċu standards moderni u sensibbli għall-faċċati tal-ħwienet, tabelli u sinjali, terrazzi u elementi viżivi fiċ-ċentri storiċi u ż-żoni turistiċi. Ir-rispett lejn il-karattru arkitettoniku lokali għandu jsir in-norma, mhux l-eċċezzjoni, ħalli l-pajsaġġ urban jerġa' jservi vantaġġ kompetittiv.

# Setturi turistiċi ġodda u li jirrendu aktar

## 24. Passaport kulturali tal-irħula u "Meet the Locals"

Noħolqu networks ta' mogħdijiet madwar irħula f'Malta u Għawdex, appoġġati b'passaport diġitali li jgħaqqad il-knejjes u l-kappelli, mużewijiet, ħwienet tal-artiġjanat, festi, ikel u esperjenzi lokali. Din l-inizjattiva tgħin tqassam aħjar it-turiżmu, toħloq valur dirett għall-komunitajiet fl-irħula, u toffri esperjenza aktar ġenwina u awtentika lill-viżitaturi tal-ħajja Maltija u Għawdxija, permezz ta' kuntatt dirett man-nies lokali.

## 25. Restawr u valorizzazzjoni ta' siti sekondarji

Nagħtu prijorità lir-restawr u l-valorizzazzjoni ta' siti storiċi u kulturali inqas magħrufa biex innaqqsu l-pressjoni fuq l-attrazzjonijiet iffullati. B'investiment fl-aċċessibbiltà, servizzi adegwati, gwida diġitali, interpretazzjoni u sinjaletika, Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li tinħoloq offerta turistika aktar wiesgħa u mqassma aħjar tul is-sena u madwar il-pajjiż kollu.

## 26. Ftehim kulturali internazzjonali ta' livell għoli

Nagħmlu ftehim strateġiċi ma' mużewijiet u istituzzjonijiet internazzjonali biex Malta tospita aktar wirjiet temporanji ta' kwalità fil-palazzi u l-ispazji storiċi tagħna. Dan jattira viżitatur kulturali ta' kwalità, isaħħaħ l-offerta barra mill-istaġun u jagħti aktar ħajja lill-binjiet storiċi ta' valur.

## 27. Strateġija għat-turiżmu reliġjuż

Nistabbilixxu strateġija attiva u dinamika għat-turiżmu reliġjuż li tagħmel lil Malta destinazzjoni ta' pellegrinaġġi, spiritwalità, wirt Nisrani u djalogu kulturali Mediterranju. Din tintrabat ma' marketing speċjalizzat, gwidi mħarrġa u pakketti għas-swieq Ewropej u lil hinn.

## 28. Rotta Pawlina u rotot devozzjonali moderni

Minbarra r-Rotta Pawlina, noħolqu rotot devozzjonali oħra b'servizz modern ta' interpretazzjoni, għodod digitali, standards tal-aċċess u gwidi speċjalizzati, ħalli Malta toffri prodott turistiku reliġjuż aktar strutturat u interessanti tul is-sena kollha.

## 29. Restawr ta' siti reliġjużi b'valur turistiku

Insaħħu l-fondi għar-restawr tal-knejjes, tas-santwarji, tal-kappelli, tal-katakombi u tal-artefatti reliġjużi, bil-kundizzjoni li jkunu interpretati b'mod professjonali u aċċessibbli. Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li l-wirt reliġjuż tagħna jkun assi distintiv ieħor ta' Malta li jikkontribwixxi għat-titjib tal-prodott turistiku.

## 30. Cammini u mixjiet reliġjużi Maltin u Għawdxin

Noħolqu network ta' cammini u mixjiet reliġjużi b'kollaborazzjoni mal-Kurja, NGOs, Kunsilli Lokali u operaturi turistiċi. Dawn ikunu marbuta ma' akkomodazzjoni fl-irħula, negozji lokali u servizzi ta' gwida, biex joħolqu moviment turistiku rispettuż u mifrux.

## 31. Għawdex bħala destinazzjoni distinta

Lil Għawdex nirreklamawh bħala destinazzjoni distinta, b'enfasi fuq l-ekoturiżmu, il-wellness, l-esperjenzi rurali, l-għadds, il-kultura u pawsiet kalmi u rilassanti. Għawdex jiġi promoss ukoll bħala destinazzjoni għan-nomadi diġitali. Dan kollu mhux biss isaħħaħ lil Għawdex, iżda jgħin ukoll biex it-turiżmu jinfirex aħjar u tonqos il-konċentrazzjoni eċċessiva fuq ċerti żoni f'Malta.

Nittrasformaw il-kampus tal-ITS f'Għawdex f'istitut tat-turiżmu vokazzjonali aktar speċjalizzat filwaqt li niżguraw li ċerti korsijiet ma jkunux disponibbli biss f'Malta. Hekk Għawdex isir hub internazzjonali ta' edukazzjoni fit-turiżmu li jilqa' wkoll studenti barranin.

## 32. Għadds u baħar bi standards ogħla

Insaħħu l-prodott tad-diving bi protezzjoni aħjar tal-baħar, aċċess aħjar għas-siti tal-għadds, faċilitajiet u aktar sikurezza. Niżguraw li l-istandards tal-operaturi jiġu awditjati b'mod regolari u indipendenti biex ikunu jilħqu l-ogħla livelli ta' sikurezza bl-inqas riskju għall-klijenti. Malta diġà għandha vantaġġ qawwi f'dan il-qasam u Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li l-kwalità ambjentali u operattiva tlaħħaq mar-reputazzjoni tagħha.

## 33. Turiżmu gastronomiku marbut mal-prodott lokali

Noħolqu strateġija għall-gastronomija Maltija u Għawdxija b'mogħdijiet speċjalizzati fuq l-ikel lokali, swieq tal-bdiewa, korsijiet qosra intensivi, festi reġjonali u integrazzjoni akbar tal-prodott lokali fir-reklamar turistiku. Gvern ġdid Nazzjonalista jara li l-kċina lokali ma tibqax sekondarja, iżda ssir pilastru ewlieni tal-esperjenza.

## 34. ELT, turiżmu tat-tagħlim u adult learners

Insaħħu u nimmodernizzaw is-settur tat-tagħlim tal-lingwi biex Malta tibqa' destinazzjoni kompetittiva għal din in-niċċa turistika. Nissimplifikaw il-proċessi, inħaffu l-ħruġ tal-viżi għall-istudju u x-xogħol, u nsaħħu l-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet barranin biex noffru programmi aktar immirati u ta' kwalità. Fl-istess waqt, ninkoraġġixxu aktar studenti Maltin jagħżlu karriera fit-tagħlim tal-lingwi, billi dan joħloq opportunitajiet ġodda ta' xogħol u jtejjeb il-livell tas-servizz offrut lit-turisti.

## 35. Inċentivi għall familji li jospitaw studenti barranin, biex jiġi mħeġġeġ dan is settur.

Familji li jospitaw studenti barranin ikollhom id-dħul minn dan ix-xogħol totalment tax-free.



# Ħiliet, saħħa, sigurtà u beneficċji għar-residenti

## 36. Tourism Skills Framework modern

Nibnu qafas ġdid ta' ħiliet fit-turiżmu b'mikrokredenzjali u perkorsi ċari għall-ospitalità, is-servizzi ta' gwida, DMCs, loġistika u trasport, turiżmu diġitali, sostenibbiltà u tfassil tal-esperjenzi turistiċi.

## 37. Akkademja Maltija fl-ITS għall-Ospitalità u s-Servizz

Fl-ITS inwaqqfu Akkademja tal-Ospitalità Maltija li toffri korsijiet qosra ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni għall-frontliners, il-managers, il-gwidi, l-operaturi tal-baħar u l-ħaddiema tat-trasport. Nemmnu li servizzi aħjar, titjib fit-tħaddim tal-lingwi u aktar professjonaliżmu tul l-esperjenza kollha tal-viżitatur huma essenzjali biex Malta tissaħħaħ bħala destinazzjoni ta' kwalità.

## 38. Gwidi turistiċi u interpreti kulturali aktar speċjalizzati

Nirriformaw is-sistema tal-gwidi b'aktar speċjalizzazzjoni u bi proċess aktar sempliċi. Gvern ġdid Nazzjonalista jilqa' l-proposti tal-Federated Association of Travel & Tourism Agents (FATTA) f'dan ir-rigward, fosthom ir-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi rilevanti, ineħħi l-ħtieġa ta' liċenzja separata għal kull lingwa li l-gwida jitħaddet, jintroduċi r-rwol ta' Tour Manager fil-qafas legali tat-tours privati, u jistħarreġ kif l-intelliġenza artifiċjali tista' tassisti lill-gwidi. It-turist ta' kwalità jistenna tagħrif dettaljat, kontenut tajjeb u interpretazzjoni kredibbli.

## 39. Kampanja għal kultura aħjar ta' ospitalità

Inniedu kampanja fl-iskejjel u fil-komunità biex insawru mentalità ġdida fit-turiżmu mibnija fuq l-ospitalità, l-indafa, il-korteżija u l-għajnuna. It-turiżmu ta' kwalità ma jinbeniex biss bl-investiment, iżda anki bl-attitudni u l-imġiba ta' kuljum.

## 40. Sigurtà, ordni u infurzar fil-lokalitajiet turistiċi

Insaħħu l-preżenza tal-community police, b'mod partikolari fiż-żoni turistiċi fejn hemm l-akbar domanda. Malta għandha tibqa' magħrufa bħala destinazzjoni sigura u ordinata. Dan hu vantaġġ kompetittiv li rridu nħarsu u nsaħħu b'impenn serju u kontinwu.

## 41. Resident impact assessment kull sena

Nintroduċu Resident Impact Assessment annwali għal kull lokalità turistika ewlenija, biex inkejlu b'mod sistematiku l-istorbju, it-traffiku, il-kwalità tal-indafa, il-pressjoni fuq l-ispazju pubbliku, il-prezzijiet u s-sodisfazzjon tar-residenti. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju jintużaw biex, meta meħtieġ, tinbidel il-politika. Jekk il-beneficċju għar-residenti ma jkunx qed jiżdied, allura l-approċċ irid jiġi rivedut. Dan ikun il-veru test ta' turiżmu sostenibbli.

## 42. Kampanja biex nattiraw lura l-ħaddiema fl-industrija tat-turiżmu

Inniedu kampanja mmirata biex nattiraw lura lill-ħaddiema li kellhom esperjenza fis-settur tat-turiżmu iżda li telqu lejn setturi oħra. Din l-inizjattiva tkun ibbażata fuq inċentivi għal ritorn fil-professjoni, opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar attraenti u stabbli. Fl-istess ħin, insaħħu l-valur tal-karrieri fit-turiżmu permezz ta' progressjoni ċara, aktar professjonalizzazzjoni tas-settur u pakketti kompetittivi tal-impjieg. L-għan hu li nsaħħu l-kapital uman ta' din l-industrija tant kruċjali għall-ekonomija Maltija.



## 43. Reviżjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tat-turiżmu

Nirrevedu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tat-turiżmu, b'mod partikolari l-Work Regulation Order, biex dawn ikunu aktar attraenti u sostenibbli kemm għal min jidħol fis-settur kif ukoll għal min jixtieq jibqa' fih. L-għan hu li nsaħħu l-istabbiltà, il-kwalità tal-impjiegi u l-progressjoni professjonali, ħalli s-settur tat-turiżmu jattira u jżomm aktar ħaddiema kwalifikati.

# Aċċessibbiltà

## 44. Linja nazzjonali tal-ajru stabbli

Nassiguraw li KM Malta Airlines titmexxa mingħajr indħil politiku u b'mod trasparenti, b'enfasi ċara fuq il-vijabbiltà kummerċjali u konnettività effiċjenti mal-ajruporti ewlenin. Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li l-linja nazzjonali tkun sostenibbli, kompetittiva u allinjata strateġikament mal-bżonnijiet tat-turiżmu u l-ekonomija tagħna.

## 45. Nattiraw aktar legacy carriers

Noffru aktar opportunitajiet biex aktar legacy carriers joperaw lejn Malta, b'ħidma attiva biex nespandu l-konnettività lil hinn mill-Ewropa, b'mod partikolari lejn l-Asja u l-Istati Uniti. Dan isaħħaħ il-kwalità tal-konnessjonijiet u jattira segmenti ta' turiżmu ta' valur akbar.

## 46. Taħlita aħjar ta' linji tal-ajru li jtiru lejn pajjiżna

Filwaqt li l-linji low-cost huma ħolqa essenzjali għat-tkabbir tat-turiżmu lejn pajjiżna, irridu nħarsu lejn taħlita aktar sostenibbli u varjata kemm bejn linji tal-ajru low-cost differenti kif ukoll bejn low-cost u legacy carriers. Gvern ġdid Nazzjonalista jara li l-low-cost carriers jiffokaw aktar fuq ajruporti u konnessjonijiet reġjonali, filwaqt li l-legacy carriers iservu bliet prinċipali u hubs strateġiċi, ħalli hekk tinħoloq konnettività aktar bilanċjata u ta' kwalità.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek